MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 926/1993/2

**Rita Sultana armla ta' Roland f'isimha proprju u f'isem Andreina Sultana minuri, u Roberta Sultana**

**Vs**

**Michael Borg Cardona u Joseph Caruana**

Kawza Nru:

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fl-1 ta' Lulju, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettew illi bi skrittura ta' l-4 ta' Marzu, 1988 Roland Sultana illum mejjet, l-*ante causa* ta' l-atturi, biegh u kkonsenja lill-konvenuti flimkien "*cabin cruiser*" b'numru ta' registrazzjoni S1448 u imsemmija

"Rolita", kollox *ai termini* ta' l-istess skrittura hawn annessa (Dok A), u,

Ippremettew illi mill-prezz miftiehem ta' (LM2,100) elfejn u mitt lira, il-konvenuti hallsu biss (LM1,100) elf u mitt lira, u,

Ippremettew illi apparti dan l-imsemmi Roland Sultana fuq inkarigu tal-konvenuti esegwixxa xogholijiet fuq il-"*cabin cruiser"* li ghalihom kellu jithallas (LM100) mitt lira, u,

Ippremettew illi ghalhekk l-konvenuti ghad fadlilhom jhallsu lill-atturi s-somma ta' (LM1,100) elf u mitt lira, u,

Ippremettew illi l-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu il-bilanc imsemmi,

Talbu l-atturi biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tikkundannahom jhallsu lill-attur is-somma ta' (LM1,100) elf u mitt lira, kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-1 ta' Novembru, 1988 kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:-

1. L-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll id-dritt stante li l-konvenuti m'ghandhom jaghtu ebda ammont lill-atturi u dan peress li l-"*Cabin Cruiser"* in kwistjoni kien trasferit lilhom diffettuz u kien kagun ta' danni konsiderevoli lill-konvenuti u dan kif jigi ppruvat waqt il-kawza.

2. Illi dan l-istat ta' fatt kien gie accettat mir-ragel ta' l-attrici, illum mejjet, meta kien ftiehem mal-konvenuti sabiex jirritornawlu l-"*cabin cruiser"* u obbliga ruhu jhallas danni, kagunati minnu.

3. Illi minkejja dan il-ftehim, l-eredi ta’ Roland Sultana, naqsu li jonoraw l-obbligi assunti minnu.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet moghti fl-20 ta’ April, 1994, li in forza tieghu gie nominat l-Assistant Gudizzjarju, Dr Paul Caruana Curran, sabiex jigbor il-provi;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-imsemmi Assistant Gudizzjajru u t-traskrizzjoni tal-provi minnu mismugha;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bi skrittura li ggib id-data ta’ l-4 ta’ Marzu, 1988, Roland Sultana, l-awtur ta’ l-atturi, biegh lill-konvenuti bejniethom il-*“cabin cruiser”* numru S1448 bil-prezz ta’ Lm2,100. Apparti dan il-prezz patwit, il-venditur gie mqabbad jaghmel diversi xogholijiet fuq id-dghajsa li ghalihom kellu jithallas is-somma ta’ LM100. B’hekk, Roland Sultana kellu jiehu LM2,200 ghad-dghajsa, li minnhom thallas biss LM1,100 u fadal bilanc ta’ LM1,100 ohra. Il-kawza qed issir ghall-hlas ta’ dan il-bilanc. Il-konvenuti, filwaqt li jaqblu ma’ dan kollu, qed jghidu li l-bejgh kien kundizzjonat ghall-fatt li d-dghajsa kienet *seaworthy,* u la darba huwa jallegaw li ma kienetx, qed jichdu kull responsabbilta’ ghall-hlas tal-bilanc.

Il-Qorti tirrileva, f’dan l-istadju, li l-iskrittura ta’ l-4 ta’ Marzu, 1988, hija ffirmata minn Roland Sultana u minn Michael Borg Cardona, u mhux ukoll minn Joseph Caruana, pero’, dan ma eccepiex li hu ma kienx participi fl-akkwist tal-“*cabin cruiser”* , u meta xehed fil-kors ta’

dawn il-proceduri, huwa qies ruhu bhala ko-firmatorju, u kwindi ko-interessat, fl-akkwist taghha.

Din l-iskrittura ghandha diversi klawsoli, li wahda minnhom, dik bl-ittra (d), tghid hekk.

*“The boat will undergo sea trials following which, provided that they are satisfactory, this sale shall be considered completed. Should the trials prove to be unsatisfactory, the contract will be rescinded and Mr Sultana shall refund any amounts paid.”*

Il-portata ta’ din il-klawsola mhux car ghax filwaqt li fl-ewwel parti taghha taghti x’tifhem li l-bejgh kien soggett ghall-kundizzjoni sospensiva (fis-sens li l-bejgh ma jitqies komplut u t-trasferiment jitqies li ma avverax ruhu jekk is-*sea trials* ma jkunux sodisfacenti), it-tieni parti taghha taghti x’tifhem li l-bejgh kien, min-naha l-ohra, soggett ghall-kundizzjoni rizoluttiva (fis-sens li l-bejgh li sar jithassar – *“rescinded*”- jekk is-*sea trials* ma jkunux sodisfacenti). Din il-kontradizzjoni f’din il-klawsola ma gietx spjegata f’din il-kawza, u meta jkun hekk, din il-Qorti ma tistax taghti effett lill-klawsola simili. Il-gurisprudenza lokali tippermetti provi orali “meta s-sinifikat tal-kitba jkun ambigwu jew il-kitba tkun tikkontjeni partijiet kontradittorji” (ara “Muscat vs Rizzo” , deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta’ Mejju, 1955 u “Caruana vs Bonnici” , deciza minn din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar, 2003), izda meta l-partijiet jonqsu milli jipprovdu dawn l-elucidazzjonijiet, il-Qorti ma jkollhiex triq ohra hlief li tinjora dik il-klawsola li fiha nnfisha, tikkontjeni dispozizzjonijiet kontradittorji. Meta, allura, l-iskrittura tigi meqjusa minghajr dik il-klawsola, il-konkluzzjoni trid bilfors tkun li dik l-iskrittura tirrifletti negozju ta’ bejgh semplici, li gie konkluz, kif trid il-ligi, malli jsir ftehim fuq il-prezz u l-oggett. L-iskrittura, fil-fatt, fil-preambolu taghha tghid li l-konvenuti *“are jointly purchasing”* u l–ewwel klawsola ta’ l-iskrittura tghid li *“the boat is being transferred*”, u dan ikompli jindika li l-bejgh bejn il-partijiet kien komplut.

Dan ma jfissirx ovvjament, li l-venditur mhux obbligat jittrasferixxi oggett tajjeb u bla difetti. Il-venditur huwa

xorta wahda obbligat li jittrasferixxi oggett tajjeb ghall-iskop indikat u f’kundizzjoni tajba. Tajjeb, pero’, li jigi mizmum in mira illi l-oggett in vendita kien “*second hand”*. F’kaz bhal dan ta’ bejgh ‘sekonda man’ huwa pacifiku illi “fin-nuqqas ta’ provi sufficjenti jekk l-oggett kienx tajjeb jew le fil-mument tal-konsenja wiehed ghandu jimxi fuq dak li jkun verosimilment fl-intenzjoni tal-partijiet fil-mument tal-ftehim; u hu ghalhekk gust u logiku li jinghad li, meta l-oggett gie kwalifikat bhala “tajjeb”, dik il-kelma fl-intendiment tal-kontraenti, u skond il-logika guridika, kellha u ghandha tiftiehem fis-sens li l-oggett kellu jkun tajjeb “sa fejn jista’ jkun tajjeb oggett sekonda man bil-prezz li jkun inxtara” – “Portelli vs Grima”, Appell Civili , 27 ta’ Mejju, 1957. Il-kelma ‘sekonda man’ hi decizament kontrapposta ghall-kelma ‘gdid’ ghal dak li hu uzu ta’ l-oggett. Ara f’dan is-sens decizjoni fl-ismijiet “Mifsud vs Nani *nomine*”, Appell Civili, 19 ta’ Awissu, 1966.

Ovvjament, il-prova li l-oggett mibjugh mhux ta’ kwalita’ patwita jew fih diversi difetti, trid issir minn min jallegha, f’dan il-kaz mill-konvenuti.

Da parti ta’ l-atturi dawn jixhdu li l-‘*cabin cruiser’* kienet difettuza. Kienet id-dghajsa tal-familja, u huma kienu hargu biha diversi drabi qabel ma l-missier iddecieda li jbieghha biex ikun jista’ jixtri dghajsa akbar. Jirrizulta wkoll li kien ghadda ftit ta’ zmien bejn it-trasferiment tad-dghajsa u bejn meta l-konvenuti bdew jilmentaw b’xi hsarat. L-attrici Andreina Sultana tghid ukoll li hi, meta saru s-*sea trials* tal-*boat*, kienet harget ma’ missierha u l-konvenuti, u dawn dehru kuntenti u konvinti bil-*performance* ta’ l-istess dghajsa. Hi tghid li l-hsara li lmentaw minnha l-konvenuti, setghet grat waqt li d-dghajsa kienet rmiggjata f’Ta’ Xbiex anke waqt ix-xhur tal-maltemp, b’mod li kienet qalghet diversi kedded sakemm fl-ahhar gherqet.

Il-konvenut Caruana xehed li hu u l-konvenut l-iehor indunaw mid-difett, meta darba minnhom, meta kienu hargu bid-dghajsa wahedhom, il-magna waqfet, rnexxielhom jidhlu fil-port billi wzaw l-*auxiliary engine* li, wkoll, bil-kemm felhet twassalhom lura. Wara dan l-

incident, ma jidhirx li d-dghajsa giet ezaminata minn xi hadd, ghax wara ftit gherqet. Peress li d-dghajsa kienet inxjurjata, eventwalment ittelghet minn qiegh il-bahar u ssewwiet minn certu Michael Azzopardi; ghat-tiswija hallset LM1500 is-socjeta' assikuratrici u LM234 il-konvenuti stess (ghalkemm, skond il-konvenut Caruana, dan il-hlas kien accetta li jaghmlu Roland Sultana). Skond il-konvenut Joseph Caruana, meta s-Sur Azzopardi ezamina u sewwa d-dghajsa, qalilhom li fil-magni sab hafna difetti u li ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-gharqa. Wara li regghu hadu lura d-dghajsa f'idejhom, il-konvenuti zammewha pparkjata quddiem id-dar ta' Caruana.

Kif inghad, il-prova tad-difett, trid issir minn min jallegha, u, f'dan il-kaz, l-unika prova li ngabet hi li l-magna tal-'*cabin cruiser'*, f'okkazjoni minnhom, waqfet. Din mhux xi haga daqshekk rari f'dghajjes u ma giex illustrat x'kienet ir-raguni ta' dan. Issemma li certu Michael Azzopardi qies li d-difetti fil-magna in kwistjoni kienu inerenti u mhux rizultat ta' l-gharqa; dan Michael Azzopardi, pero', ma giex prodott bhala xhud u l-Qorti ma tqis li ghandha taccetta din it-testimonjanza, meta ma ntweriex ghaliex dan Azzopardi ma giex prodott bhala xhud biex dak li sab meta sewwa l-magna ikun jista' jigi kkontrollat mill-parti l-ohra. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Seychell vs Seychell" , deciza fis-27 ta' Marzu, 1936, it-testimonjanza '*de auditur'* huma ricevibbli bhala prova fil-konkors ta' cirkostanzi rikjesti mill-ligi, pero', l-gudikant ghandu juza cirkospezzjoni kbira qabel ma jaccetthom bhala prova konkludenti. F'dan il-kaz, ma giex muri lill-Qorti li jezistu c-cirkustanzi kontemplati fl-artikolu 599 ghall-accettazzjoni ta' xhieda fuq kliem haddiehor. Hu veru li dan il-kliem "jaghmel parti mill-meritu", pero', fic-cirkustanzi, din il-Qorti ma thoss li ghandha *sic et simpliciter* taccetta bhala fatt dak li hu rrapporat li qal Michael Azzopardi.

Barra minn dan, anke jekk jirrizulta li l-'*cabin cruiser'* kellha difetti inerenti, x-xerrej ma jistax, wara li jiskopri d-difetti, jzomm il-haga u, meta jigi mitlub il-prezz jirrifjuta li jhallas. Kif intqal, meta ssir kawza ghall-hlas tal-prezz ta' l-oggett mibjugh, il-konvenut ma jistax jissolleva l-

eccezzjoni li l-oggett kunsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita u kwindi ma kienx intitolat ihallas l-ammont dovut; il-konvenut kellu jiddeduci l-ilment tieghu b'talba *per via di azione* – ara "Aveta noe vs Caruana et", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Novembru, 1995, "Xuereb vs Vella", deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fis-7 ta' April, 1997, u "Schembri vs Abela" , deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Lujlu, 2000. "Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrali illi l-kompratur ma jistax izomm il-merci li huwa qieghed jilmenta dwarha u fl-istess hin jirrifjuta li jhallas ghalihom u jitlob, anzi, d-danni" – "Attard vs Direttur ta' l-Edukazzjoni", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1992. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef vs Sullivan", deciza fit-22 ta' Novembru, 2002, kompliet tafferma li jekk ix-xerrej/sid izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita' pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu.

L-istess principju huwa stabbilit anke f'kaz ta' difetti latenti. L-ao redhibitorja li twassal ghat-thassir tan-negozju, dak li donnu xtaqu l-konvenuti, ma tistax tintlaqa jekk ix-xerrej ikun zamm ghandu l-oggett ("Vella vs Mifsud" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Novembru, 1990). Filwaqt li l-azzjoni aestimatorja tista' issir bl-oggett jibqa f'idejn ix-xerrej, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Abela", deciza fil-5 ta' Marzu, 1999, iz-zewg azzjonijiet imsemmija jridu jsiru fiz-zmien li tistabilixxi l-ligi bhala citazzjoni partikolari bit-talba relattiva, u ma jistghux jitqajmu bhala eccezzjoni meta bejjiegh ikun wasal li jitlob il-hlas minghand ix-xerrej, (ara wkoll "Dalli vs Patiniott" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000). Hekk ukoll fil-kawza "Briffa et vs Roger Satariano and Sons Ltd" , deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 1997, intqal li f'kaz ta' difett f'oggett mibjugh, ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni.

Ix-xerrej lanqas m'ghandu dritt li jitlob lill-venditur jirrifondilu l-ispejjez li jkun ghamel biex isewwi d-difetti latenti – ara "Bezzina neo vs Borda noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' Novembru, 1990.

Inoltre, jirrizulta li wara li l-'*cabin cruiser'* gherqet, din issewwiet u l-parti 'l kbira mill-ispiza thallset mis-socjeta' assikuratrici; il-konvenuti zammew l-istess dghajsa u, milli jidher, ghada stazzjonata quddiem id-dar tal-konvenut Caruana. Dan mhux agir ta' bejjiegh li ma jridx izomm l-oggett lilu konsenjat, u meta jagixxi b'dan il-mod jitqies li b'ghemilu stess warrab kull rimedju li taghtih il-ligi – "Mangion vs Awtorita' Tad-Djar" , deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 2001.

Kwindi, anke f'kaz li kellu jirrizulta li l-'*cabin cruiser'* in kwistjoni ma kienetx tal-kwalita' pattwita jew kienet affett minn difetti latenti, it-triq li ghazlu l-konvenuti ma kienetx wahda idonea biex jiehdu r-rimedju li ppretendew. It-talba attrici, min-naha l-ohra, tirrizulta pruvata u tisthoqq li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi somma ta' (elf u mitt liri Maltin) LM1,100, bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Novembru, 1988, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------